MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1511/2003

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Muscat's General Stores Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm151.80), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata, kif ukoll kiri ta' makkinarju u servizzi ohra rezi lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta stess.

Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2003, flimkien ma' l-imghax legali mid-data tal-hrug ta' l-*invoices* relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Charisse Ellul in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm151.80), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------